**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sean Scicluna)**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Gaetano Gatt**

**Kumpilazzjoni Numru 311/2016**

**Illum 11 ta' Novembru 206**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Geatano Gatt** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 5372(M) billi huwa akkuzat talli fi Frar 2016 u fil-jiem ta'qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta'mhux akatr minn hames mitt euro (€500.00), ghad-detriment ta' Ersilia Gauci ID 449975M u/jew Finance House plc (C58869) u/jew il-Bank of Valletta plc, u /jew il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex ai terminu

ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. B'mezzi kontra il-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta'mhux akatr minn hames mitt euro (€500.00), ghad-detriment ta' Alfsons Enterprises Limited (C 20428) u/jew id-diretturi tal-istess kumpanija u/jew il-Bank of Valletta plc, u /jew il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kellu fil-pusses tieghu xi haga li kien jaf li kienet misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat naqas milli jgharraf lill-Puluzija b'dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf, ai termini ta' l-artikolu 334A tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
6. Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghatu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena fejn dawn qablu bejniethom dwar il-parametru li l-Qorti ghandha timxi maghhom fejn tidhol piena.

Ikkonsidrat

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni. Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw."

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide**

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi, illi l-imputat hallas il-flus kollha mertu ta' din il-kawza skont kif iddikjarat il-prosekuzzjoni, il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni u ttiehdet inkonsiderazzjoni l-fedina penali tieghu.

Ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabbiltà tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**